MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1420/2003

**Commonwealth Educational Society Lta ta' Nassu, Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Josette Attard**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm254.60 (mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu) bhala bilanc ta' prezz ta' kotba mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Novembru 2002 kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fit-8 ta' Awissu 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fl-20 ta' Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------